MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 653/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmelo Vella u l-istess Carmelo Vella**

**Vs**

**Joseph Grech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta` mitejn lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm200.67c) kwantu ghal mija u hamsa u sebghin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm175.67c) lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited nomine u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lil Carmelo Vella minnhom sborzati bhala konsegwenza ta` incident awtomobilistiku li gara Marsaskala fis-16 ta` Novembru, 2002 meta waqt li l-konvenut kien qed iregga` lura vettura numru AAE 359

habat mal-vettura AAG 207 proprjeta` tal-attur Carmelo Vella li kienet ipparkjata, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti, talbu wkoll l-ispejjez u l-interessi legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx tort tieghu izda htija tal-istess attur.

Ra l-atti tal-kawza u li fis-seduta tat-13 ta` Jannar, 2004 l-istadju tal-provi gie ddikjarat maghluq u li l-partijiet ittrattaw il-kawza li ghalhekk thalliet ghas-sentenza.

**Provi fil-qosor**

Illi mix-xhieda ta` PS760 Jesmond Borg jirrizulta illi fis-16 ta` Novembru, 2002 ghall-habta ta` 11.30pm sehhet kollizjoni fi Triq il-Gardiel, Marsaskala fejn saret hsara fil-vettura AAG 207 li hija Cortina tal-kulur kannella li tappartjeni lill-attrici u li b'rizultat ta` din il-kollizjoni kien hemm hsara fil-bieb tal-genb tal-vettura in kwistjoni.

Marie Louise Vella, li kienet qieghda ssuq il-karozza AAG 207 ikkonfermat illi dakinhar tal-incident hija kienet ipparkjata fl-inhawi fejn gara l-incident meta rat il-vettura AAE 359 tirriversja u laqtghita fil-bieba tal-genb taghha. Hija ppruvat tigbed l-attenzjoni tas-sewwieq l-iehor billi anke daqqitlu l-horn izda dan is-sewwieq deher li ma ndunax u saq l'hemm. Hija halliet il-karozza taghha fejn kienet u stenniet sakemm gew il-mobile squad li huma stess tawha struzzjonijiet sabiex taghmel rapport l-Ghassa kif fil-fatt ghamlet.

Il-PS760 Jesmond Borg, b'rizultat ta` dan ir-rapport, mar fid-dar ta` residenza tal-konvenut Joseph Grech u pulizija iehor ezamina l-vettura AAE 359 u nnota illi fuq il-bumper ta` wara tal-istess vettura kien hemm evidenza ta` brix u anke kien hemm tifrik ta` zebgha ta` kulur kannella li kien

jikkombaca perfettament maz-zebgha tal-vettura misjuqa minn Marie Louise Vella, cioe l-vettura AAG 207.

Joseph Grech innega l-involviment tieghu fl-incident in kwistjoni, ghalkemm ammetta li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni dakinhar tal-incident fl-inhawi fejn sehh l-incident. Joseph Grech kkonferma li huwa kien mar fil-post ta` divertiment fl-inhawi u ghall-habta tal-11.00pm l-11.05pm telaq mill-post u billi l-vettura kienet ipparkjata thares lejn il-bini jigifieri right-angled mat-triq, huwa qal li rriversja zewg piedi biex imbaghad mar lejn triqtu. Huwa cahad kategorikament li huwa laqat xi vettura ohra u qal li qabel ma rriversja hares lura u ma nnota l-ebda vetturi warajh.

Xehed ukoll Renee Mifsud li kkorabora dak li qal Joseph Grech u anke xehed Lawrence Grech, missier il-konvenut, li kkonferma li dakinhar tal-incident huwa kien xoghol izda meta rritorna mix-xoghol xi s-7.20am il-mara tieghu nfurmatu li matul il-lejl kienu gew il-Pulizija u allegaw li l-vettura tieghu kienet involuta f'kollizjoni izda meta huwa ezamina bir-reqqa l-vettura tieghu ma sab ebda sinjali ta` daqqiet.

**Konsiderazzjonijiet**

Mis-suespost huwa evidenti illi d-decizjoni fuq din il-kawza tiddependi esklussivament fuq liema versjoni ser tigi accettata – hiex dik tal-atturi jew dik tal-konvenut.

Il-Gudikatur odjern ma kellhux l-opportunita jisma x-xhieda viva voce tal-PS760 Jesmond Borg u ta` Marie Louise Vella, izda kellhu l-opportunita jisma x-xhieda tal-konvenut u z-zewg xhieda minnhu mressqa.

B'danakollu jidhirlu illi l-provi attrici huma aktar verosimili u dan billi:-

- Fir-rapport li sar a tempo vergine mill-pulizija li nvestigaw il-kaz, affermaw minghajr ezitazzjoni li kien hemm evidenza ta` brix fuq il-bumper ta` wara tal-vettura misjuqa mill-konvenut u li anke kien hemm frak ta` zebgha

li jikkombaca perfettament maz-zebgha tal-karozza tal-attrici.

- Marie Louise Vella xehdet li wara l-incident halliet il-karozza pparkjata fejn kienet u stenniet sakemm gew il-pulizija on site u certament kieku ma ntlaqtitx mill-vettura in kwistjoni ma kienetx taghmel hekk. Hija evidentement tat in-numru ta` registrazzjoni tal-vettura tal-konvenut lill-pulizija u kienu l-pulizija li ezaminaw il-vettura misjuqa mil-konvenut.

- Il-konvenut stess jammetti li fuq il-bumper tal-karozza minnu misjuqa kien hemm barxa – ghalkemm jsostni li l-entita taghha kienet minima (Daqs nofs zokk ta suffarina)

Illi ghalhekk mil-provi mressqa jirrizulta sufficentement provat li l-incident sehh esklussivament minhabba imperizja u negligenza tal-konvenut li laqat il-karozza wieqfa misjuqa minn Marie Louise Vella waqt li kien qed jaghmel manuvra ta reversing. Huwa evidenti wkoll illi stante li l-konvenut jammetti li ma ra l-ebda karozzi warajh f'dak l-mument ma kienx qed jzomm *a proper lookout.*

Ghar-rigward tal-quantum tad-danni, l-konvenuti donnhom riedu jghidu wkoll illi ma jistghax ikun li sehh l-incident ghaliex filwaqt li Joseph Grech jghid illi fuq il-bumper tieghu kulma kellhu kien barxa daqs zokk ta` suffarina, ma jistghax ikun hemm l-entita` ta` hsarat kif riklamati mill-atturi. L-esponenti jirrileva illi d-danni gew korraborati mix-xhieda ta` Marie Louise Vella u mix-xhieda ta` Joseph Mula li ghamel is-survey fuq inkarigu tas-socjeta` attrici u konsegwentement id-danni mitluba jidhru gustifikati.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacjentement provata, t-Tribunal jilqa` t-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta` mitejn lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm200.67c) kwantu ghal mija u hamsa u sebghin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm175.67c) lil Elmo Insurance Agency Limited nomine u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lil Carmelo Vella, bl-imghax mill-10 ta` April,

2003 (data tan-notifika tal-Avviz). L-ispejjez huma a karigu esklussivament tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------